MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1121/2003

**Untours Insurance Agents Ltd ghall-Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Gaetano Falzon u l-istess Gaetano Falzon**

**vs**

**Jason Grima**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf mija u wiehed u hamsin lira Maltin u sitt centezmi (Lm1151.06) rappresentanti danni subiti f'incident stradali li sehh fil-20 ta' Awissu 2001 bejn il-vettura Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni JAA 807 proprjeta ta' l-attur u l-Heavy Goods Vehicle numru LAE 564 misuqa mill-konvenut ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez, komprizi Lm11.50 ta' konsult u dawk ta' l-ittra ufficjali ipprezenta kontestwalment ma' l-avviz ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut baqa ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat.

Ra n-nota ta' l-atturi tat-12 ta' Awissu 2003, li permezz taghha huma cedew is-sorte tal-kawza, stante pagament fil-mori, izda zammew ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni mili jiehu konjizzjoni tat-talba attrici, jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha ta' dina l-istanza komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma' l-avviz ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-imghaxijiet legali mill-10 ta' Lulju 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------